



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12387/23

AGRI 468
AGRIFIN 98
AGRIORG 95
AGRILEG 161
DELACTION 111

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 5369 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.8.2023 li jidderoga mir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-sena 2023 fir-rigward tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, l-istrateġija nazzjonali u l-irkupru tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal impenji pluriennali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex minħabba avvenimenti meteoroloġiċi avversi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 5369 final.

Mehmuż: C(2023) 5369 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.8.2023
C(2023) 5369 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.8.2023

li jidderoga mir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-sena 2023 fir-rigward tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, l-istrateġija nazzjonali u l-irkupru tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal impenji pluriennali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex minħabba avvenimenti meteoroloġiċi avversi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli jistipula r-regoli rigward l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix. Dan ir-Regolament jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni.

Abbażi ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni adottat, fost l-oħrajn, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891¹.

Meta jitqiesu l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi li seħħew f'diversi reġjuni tal-Istati Membri fir-rebbiegħa tal-2023, il-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex saritilha ħsara serja. Fi Spanja, il-produzzjoni ppjanata fir-reġjuni tal-Katalonja tnaqqset b'mill-inqas 50 % minħabba sitwazzjoni ta' nixfa, filwaqt li l-produzzjoni fir-reġjun tal-Emilia-Romagna fl-Italja nqerdet minn għargħar. In-nixfa kellha wkoll impatt serju fuq il-livell u l-kwalità ta' produzzjoni f'xi reġjuni fi Franza u fil-Portugall.

Minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi tar-rebbiegħa tal-2023, ħafna organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fis-settur tal-frott u l-ħaxix qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali approvati tagħhom. Xi wħud mill-azzjonijiet u l-miżuri approvati mhux se jiġu implimentati fl-2023 u għalhekk parti mill-fondi operazzjonali mhux se jintefqu. Organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti oħrajn qed jemendaw il-programmi operazzjonali tagħhom bil-ħsieb li jimplimentaw l-azzjonijiet u l-miżuri li jindirizzaw l-impatt tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, bħall-miżuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet.

Meta titqies in-natura bla preċedent ta' dawk l-avvenimenti, huwa meħtieġ li jittaffew dawk id-diffikultajiet billi ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 applikabbli fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-konsultazzjonijiet, li jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru, twettqu fil-Grupp ta' Esperti għas-Swieq Agrikoli stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, b'mod partikolari waqt il-laqgħa tad-19/06/2023. Din il-laqgħa tat l-opportunità biex jiġu ppreżentati l-ideat tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att delegat u dwar il-modifiki meħtieġa tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891, u tat l-opportunità wkoll li jkun hemm skambju ta' opinjonijiet mal-esperti.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jidderoga mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 rigward:

— l-attività ewlenija tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011.

- il-metodu tal-kalkolu tal-“valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata”;
- il-bilanċ tajjeb tal-miżuri/azzjonijiet fi ħdan il-programmi operazzjonali;
- il-proċedura tal-emenda;
- is-sospensjoni tal-programmi operazzjonali;
- il-waqfien tal-programmi operazzjonali; u,
- l-impenji pluriennali.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.8.2023

li jidderoga mir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-sena 2023 fir-rigward tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, l-istrateġija nazzjonali u l-irkupru tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal impenji pluriennali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex minħabba avvenimenti meteoroloġiċi avversi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007², u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 173 tiegħu,

Billi:

- (1) Minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi li seħħew f'diversi reġjuni tal-Istati Membri fir-rebbiegħa tal-2023, il-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex saritilha ħsara serja. Fi Spanja, il-produzzjoni ppjanata fir-reġjun tal-Katalonja tnaqqset b'mill-inqas 50 % minħabba sitwazzjoni ta' nixfa, filwaqt li l-produzzjoni fir-reġjun tal-Emilia-Romagna fl-Italja nqerdet minn għargħar. In-nixfa kellha wkoll impatt serju fuq il-livell u l-kwalità ta' produzzjoni f'xi reġjuni fi Franza u fil-Portugall.
- (2) Minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi li seħħew fir-rebbiegħa tal-2023, ħafna organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fis-settur tal-frott u l-ħaxix qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali approvati tagħhom. Xi wħud mill-azzjonijiet u l-miżuri approvati mhux se jiġu implimentati fl-2023 u għalhekk parti mill-fondi operazzjonali mhux se jintefqu. Organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti oħrajn qed jemendaw il-programmi operazzjonali tagħhom bil-ħsieb li jimplimentaw l-azzjonijiet u l-miżuri li jindirizzaw l-impatt tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, bħall-miżuri ta' maniġġar tal-kriżijiet.
- (3) Fid-dawl tan-natura bla preċedent tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi li seħħew fir-rebbiegħa tal-2023, huwa meħtieġ li jittaffew dawk id-diffikultajiet billi ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891³ applikabbli fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4).

- (4) Jenħtieġ li japplikaw derogi temporanji għall-programmi operazzjonali li għadhom joperaw skont il-kundizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 f'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 5(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2117 u fl-Artikolu 1, il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2528⁴.
- (5) Barra minn hekk, minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi severi, kien hemm diffikultajiet eċċezzjonali f'ċerti Stati Membri fl-ippjanar, fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. Dan jista' jkollu l-konsegwenza li jdewwem l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi operazzjonali u għalhekk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni, stabbiliti għal dawk il-programmi operazzjonali fir-Regolament Delegat (UE) 2017/891. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma vulnerabbli wkoll għat-tfixkil u t-taqlib ikkawżati mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi u qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji u problemi ta' likwidità kkawżati mit-tnaqqis jew mill-qerda tal-produzzjonijiet tagħhom. Dan qed ikollu impatt dirett fuq l-istabbiltà finanzjarja tagħhom u fuq il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw il-programmi operazzjonali mhux biss fis-sena 2023 iżda wkoll fis-snin sussegwenti, minħabba li l-valur tal-produzzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni għas-sena 2023 jaffettwa l-kalkolu tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għas-snin sussegwenti. Dan qed ikompli jinfluwenza l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jintroduċu miżuri u azzjonijiet li mmirati lejn l-effetti tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata kkawżat mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi jxekkel il-kontinwità u l-vijabbiltà futuri tal-programmi operazzjonali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix.
- (6) Sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi, u l-impatti tagħhom fuq il-valur tal-prodotti mibjugħa, jenħtieġ li fis-sena 2023 l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, fir-rigward tal-obbligu li l-valur ekonomiku ta' prodotti mibjugħa minn produtturi li mhumiex membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew tal-assoċjazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produtturi jrid ikun taħt il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew tal-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.
- (7) It-telf fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ikkawżat mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi x'aktarx se jkollu impatt kbir fuq l-ammont ta' għajjnuna mill-Unjoni li jirċievu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-sena sussegwenti, billi l-ammont ta' għajjnuna mill-Unjoni jrid jiġi kkalkulat bħala perċentwal tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi. Jekk iseħħ telf sostanzjali fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-2023, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jissugraw li jitilfu r-rikonoxximent tagħhom bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi, peress li wieħed mill-kriterji għal tali rikonoxximent huwa li jilħqu ċertu valur minimu ta' produzzjoni kkummerċjalizzata

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2528 tas-17 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 u li jħassar ir-Regolamenti Delegati (UE) Nru 611/2014, (UE) 2015/1366 u (UE) 2016/1149 applikabbli għal skemi ta' għajjnuna f'ċerti setturi agrikoli (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 70).

stabbilit f'livell nazzjonali. Dan ipoġġi f'riskju l-istabbiltà fit-tul tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Għalhekk, jekk ikun hemm tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott fis-sena 2023 minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023, u jekk dan iseħħ barra mir-responsabbiltà u mill-kontroll tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jenħtieġ li l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-2023 jiġi stabbilit bħala 100 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-medja tal-ħames perjodi ta' referenza preċedenti ta' 12-il xahar, esklużi l-inqas u l-oġhla valuri biex jiġi kkompensat dak it-telf. Il-livell limitu ta' 65 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fil-perjodu preċedenti, stabbilit fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, huwa insuffiċjenti biex tinkiseb l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja fiċ-ċirkostanzi tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati minn tali telf tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata.

- (8) Jenħtieġ ukoll li fis-sena 2023 l-Istati Membri jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, rigward l-obbligu tagħhom li jistabbilixxu fl-istrateġija nazzjonali l-perċentwali massimi tal-fond operazzjonali li jistgħu jintefqu fuq miżuri individwali jew tipi ta' azzjoni.
- (9) Soġġett għall-approvazzjoni mill-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jemendaw il-programmi operazzjonali tagħhom għas-snin sussegwenti jew anki matul is-sena tal-implimentazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 34(1) u fl-Artikolu 34(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891. Sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi, jenħtieġ li fis-sena 2023, b'mod temporanju, ikunu jistgħu wkoll ma japplikawx dawk id-dispożizzjonijiet.
- (10) Bil-għan li jiġu aġġustati l-ippjanar, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali approvati minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, b'deroga mill-Artikolu 34(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, jawtorizzaw lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi biex jissospendu l-programmi operazzjonali tagħhom għalkollox jew b'mod parzjali fis-sena 2023.
- (11) F'konformità mal-Artikolu 36(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, jekk organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tieqaf timplimenta l-programm operazzjonali tagħha qabel it-tmiem tad-durata skedata tagħha, ma jridux isiru aktar pagamenti lil dik l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni għall-azzjonijiet implimentati wara d-data tal-waqfien ta' dak il-programm operazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-għajnuna riċevuta għal azzjonijiet eliġibbli mwettqa qabel il-waqfien tal-programm operazzjonali jenħtieġ li ma tiġix irkuprata jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi jew l-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi turi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-waqfien ta' dak il-programm operazzjonali seħħ fis-sena 2023 għal raġunijiet marbuta mal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi u kien barra mill-kontroll u mir-responsabbiltà tal-organizzazzjoni tal-produtturi.
- (12) Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni riċevuta għall-impenji pluriennali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, bħal pereżempju azzjonijiet ambjentali, ma tiġix irkuprata u rimborżata lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), kif previst fl-Artikolu 36(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, jekk l-oġġettivi fit-tul tagħhom

ma setgħux jintlaħqu minħabba l-interruzzjoni tagħhom fl-2023 għal raġunijiet marbuta mal-konsegwenzi tal-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023.

- (13) Fid-dawl tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Derogi temporanji mir-Regolament Delegat (UE) 2017/891

1. B'deroga mill-Artikolu 11(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, fis-sena 2023, il-limitazzjoni li biha organizzazzjoni tal-produtturi tista' tbigħ biss prodotti minn produtturi li mhumex membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi diment li l-valur ekonomiku ta' dik l-attività jkun inqas mill-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tagħha ma għandhiex tapplika għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma affettwati mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023.
2. B'deroga mill-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, meta jkun seħħ tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023 li jaqgħu barra mir-responsabbiltà u mill-kontroll tal-organizzazzjoni tal-produtturi, il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' dak il-prodott fl-2023 għandu jitqies li jirrappreżenta 100 % tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-medja tal-ħames perjodi ta' referenza preċedenti ta' 12-il xahar, esklużi l-inqas u l-ogħla valuri.
3. B'deroga mill-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, għas-sena 2023, l-obbligu fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu fl-istrateġija nazzjonali l-perċentwali massimi tal-fond operazzjonali li jistgħu jintefqu fuq kwalunkwe miżura individwali jew tip ta' azzjoni ma għandux japplika għal organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma affettwati mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023.
4. Għas-sena 2023, l-obbligi fuq l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fir-rigward tal-emendi għall-programmi operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 34(1) u fl-Artikolu 34(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 ma għandhomx japplikaw għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew għall-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma affettwati mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023.
5. B'deroga mill-Artikolu 34(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, għas-sena 2023, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma affettwati mill-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa tal-2023 biex jissospendu l-programmi operazzjonali tagħhom għalkollox jew b'mod parzjali għas-sena 2023.
6. B'deroga mill-Artikolu 36(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, għas-sena 2023, l-għajnuna riċevuta għal azzjonijiet eliġibbli mwettqa qabel il-waqfien tal-programm operazzjonali ma għandhiex tiġi rkuprata, diment li l-waqfien tal-programm operazzjonali jkun seħħ minħabba l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi

avversi tar-rebbiegħa tal-2023 li jaqgħu barra mill-kontroll u mir-responsabbiltà tal-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata.

7. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-impenji pluriennali, bħal pereżempju l-azzjonijiet ambjentali, ma għandhiex tiġi rkuprata u rimborżata lill-FAEG meta l-oġettivi fit-tul u l-benefiċċji mistennija tagħhom ma jkunux jistgħu jintlaħqu fis-sena 2023 minħabba li daww l-impenji jkunu ġew interrotti fis-sena 2023 minħabba l-avvenimenti meteoroloġiċi avversi tar-rebbiegħa 2023.
8. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha turi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi preċedenti huma ssodisfati.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.8.2023

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN